# Il-Proġett tal-Ħanut fil-Pitkalija

## Dokument informattiv

**Kollaborazzjoni bejn**

**il-Malta Food Agency,**

**il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat**

**u**

**l-Aġenzija Sapport**

Volunteer Centre, 181, Melita Street VLT 1129
Tel: +356 2248 1110/1
@: mcvs.mivc@gov.mt

**Introduzzjoni**

Il-Malta Food Agency qed tikkollabora mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u l-Aġenzija Sapport biex toffri opportunità ta' negozju ġdid lil organizzazzjoni/jiet volontarji relevanti. Organizzazzjoni/jiet volontarji motivati u li jifilħu għal dan il-proġett se jkunu jistgħu jidħlu għal dan il-proġett kummerċjali ġdid bil-possibbiltà li jagħmlu qliegħ finanzjarju. Organizzazzjonijiet volontarji jistgħu jagħżlu li jidħlu f'din l-opportunità waħedhom jew jikkollaboraw f'dan il-proġett ma' organizzazzjoni volontarja oħra.

**Il-Proġett**

Il-Malta Food Agency identifikat il-ħtieġa li jiġi strutturat ħanut kummerċjali fis-suq tal-Pitkalija biex jinbiegħu prodotti mhux mibjugħa lil xerrejja domestiċi bi prezzijiet bl-ingrossa. Organizzazzjoni volontarja jew organizzazzjonijiet volontarji msieħba se jintgħażlu biex jimmaniġġjaw il-ħanut kif ukoll jesploraw il-potenzjal tal-ħanut biex jaqdi skopijiet oħra u jgħin lill-komunità. Id-direzzjoni u Management għoli ser tinżamm bis-sħiħ mill-MFA.

L-għanijiet tal-proġett jinkludu:

- Li jsostnu u jamministraw il-ħanut billi jbigħu prodotti mhux mibjugħa lil xerrejja domestiċi;
- Li jiġġeneraw dħul lill-bdiewa għall-prodott mhux mibjugħ;
- Li jitnaqqas il-ħela tal-ikel;
- Li jipprovdi prodott frisk bi prezzijiet baxxi u aċċessibbli;
- Li jiggwida u jħarreġ individwi b'inqas opportunitajiet minn diversi programmi ta' impjieg li jwasslu għall-impjieg eventwali tagħhom.

L-organizzazzjoni/ijiet li ser jieħdu dan il-proġett ikunu jistgħu jikkontribwixxu għal, jew joħolqu, business model għall-ħanut tal-Pitkalija b'kollaborazzjoni mal-Malta Food Agency, skont ir-rwol tagħhom. Il-VO xorta jkun jeħtieġ li jopera taħt linji gwida u proċeduri kif identifikati u kkomunikati mill-MFA. Il-Malta Food Agency ser tkun qed taħdem id f'id mal-organizzazzjoni/jiet magħżula biex toffri appoġġ kontinwu u tiżgura li l-ħanut jiffunzjona b'mod effiċjenti.

**Rwoli u Responsabilitajiet**

- <u>L-Immaniġġjar tal-Ħanut</u>
  Il-VO/s magħżula se jkunu responsabbli mit-tmexxija tal-ħanut inkluż roster tal-impjegati, maniġjar tal-istaff, teħid tal-istokk u żamma tal-maħżen. Il-Malta Food Agency se tkun qed tipprovdi s-software meħtieġ għall-immaniġjar tal-istokk kif ukoll kull manutenzjoni meħtieġa li l-post provdut ikun jeħtieġ. (L-ispazju huwa diġà mibni u bħalissa qed jiġi rranġat.)

- <u>L-immaniġġjar tal-istaff</u>
  L-istaff irid ikun ingaġġat minn programmi ta' impjieg li jippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità jew b'diffikultajiet soċjali.

Il-**programm Way to Work** li huwa amministrat mill-Aġenzija Sapport huwa programm li jappoġġja persuni b'diżabilità biex ifittxu u jżommu impjieg. Il-VO/s magħżula se jkunu responsabbli li jingaġġaw individwi minn dan il-programm. L-Aġenzija Sapport tkun tista' tagħti l-għajnuna f'każ ta' diffikultajiet personali li jistgħu jinqalgħu mal-istaff.

Ix-**Sheltered Employment Programme** li huwa amministrat minn Jobs Plus huwa programm li jappoġġa lill-persuni b'diżabilità biex ifittxu u jżommu impjieg. Il-VO/s magħżula se jkunu responsabbli li jingaġġaw individwi minn dan il-programm. Jobs Plus se tkun tista' tagħti l-għajnuna f'każ ta' diffikultajiet personali li jistgħu jinqalgħu mal-istaff.

U/Jew

Il-VO/s magħżula jistgħu jiddeċiedu wkoll li jingaġġaw persuni b'diżabilità/ diffikultajiet soċjetali li huma membri tal-istess VO.

Il-VO/s magħżula jkunu responsabbli għar-rostering tal-impjegati u l-immaniġjar tal-istaff fil-post. Is-salarji għall-istaff minn dawn il-programmi se jiġu fornuti mill-qliegħ tal-impriża.

- <u>Ħinijiet tal-ftuħ tal-ħanut</u>
  Il-VO/s magħżula jkollhom bżonn jiftħu l-ħanut għal minimu ta' 3 ijiem fil-ġimgħa. Il-ġranet tal-ftuħ ideali jinkludu t-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Il-ħanut ma jistax ikun miftuħ għall-pubbliku nhar ta' Tnejn u Sibt filgħodu minħabba restrizzjonijiet oħra. Barra minn hekk, il-VO/s ikunu jistgħu jestendu l-ħinijiet tal-ftuħ għal filgħaxija. Deċiżjonijiet loġistiċi fir-rigward tal-ħinijiet tal-ftuħ jistgħu jiġu diskussi u rranġati kif xieraq fi stadju aktar tard.

  Għandha tingħata prijorità lill-Pitkalija fejn jidħlu ċerti kundizzjonijiet operattivi; pereżempju jekk il-Pitkalija teħtieġ ħinijiet differenti tal-ftuħ, il-ħanut għandu jimxi skont dawn il-ħtiġijiet.

- <u>Business Plan</u>
  Ir-responsabbiltà ewlenija tal-VO/s hija li tiftaħ il-ħanut mill-inqas 3 ijiem fil-ġimgħa għax-xerrejja domestiċi biex jixtru prodotti. Barra minn hekk, il-VO/s magħżula huma mħeġġa jipproponu użi alternattivi għall-ispazju. Xi eżempji jinkludu: l-ospitar ta' workshops dwar l-ikel/sostenibbiltà għall-pubbliku jew għat-tfal tal-iskola; Jospitaw open day u attivitajiet għall-pubbliku; Jidentifikaw sorsi ġodda ta' dħul mill-użu tal-ħanut, eċċ. Il-VO/s magħżula huma mħeġġa u appoġġjati biex jesploraw modi innovattivi ta' kif jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ħanut. Il-VO/s ikunu jistgħu jżommu persentaġġ tal-qliegħ minn dan il-proġett, u għalhekk l-ippjanar strateġiku u l-

kreattività huma rakkomandati biex jimmassimizzaw il-qliegħ.

**Proċedura**

1) Espressjoni ta' interess
VO/s interessati għandhom jissottomettu l-Espressjoni ta' Interess tagħhom billi jimlew din il-Google Form bid-dettalji necessarji. Din il-formola għandha tiġi sottomessa sal-Gimgha 17 ta' Novembru 2023.

2) Laqgħa ta' informazzjoni
L-organizzazzjonijiet volontarji interessati se jkunu mistiedna għal laqgħa ta' informazzjoni u żjara fuq il-post bejn it-18 u il-21 ta' Novembru. Kwalunkwe mistoqsija dwar din l-opportunità tista' tiġi indirizzata mill-Malta Food Agency waqt il-laqgħa.

3) Proposti
Wara l-laqgħa ta' informazzjoni, l-Organizzazzjonijiet Volontarji interessati fil-proġett għandhom jissottomettu proposta li tkopri s-suġġetti li ġejjin fir-rigward tal-proġett: Din il-proposta għandha tiġi sottomessa sal-Ħadd 21 ta' Jannar 2024 fuq volunteer@maltacvs.org.

- Kapaċità Operattiva u Amministrattiva tal-organizzazzjoni/jiet
  *X'inhi l-esperjenza tal-VO/s fil-bejgħ (retail)?*
  *X'inhi l-esperjenza tal-maniġer/i maħtur/a mill-VO/s?*
  *Din ser tkun kollaborazzjoni ma' VO oħra?*
  *Indika x'vantaġġi se ġġib il-VO tiegħek għal dan il-proġett.*

- Motivazzjoni
  *Spjega l-motivazzjoni tal-VO għal dan il-proġett*

- Pjan Strateġiku
  *Uri fil-qosor dan li ġej: (nifhmu li l-indikazzjonijiet ta' hawn taħt jistgħu jkunu soġġetti għal tibdil)*
  *- Ħinijiet tal-ftuħ proposti*
  *- Numru propost ta' impjegati mill-programm Way to Work*
  *- Numru propost ta' managers/voluntiera mill-VO responsabbli mill-ħanut*
  *- Kwalunkwe dettalji loġistiċi oħra identifikati mill-VO*

- Għanijiet għall-Ħanut fil-Pitkalija
  - *Għanijiet short term / long term għall-ħanut*

- *Indika sorsi potenzjali ta’ qliegħ JEW użu potenzjal tal-ħanut li jista’ jservi għall-komunità. Spjega kif il-VO ser twassal dawn l-ideat biex ikunu attwati.*

4) Evalwazzjoni u Għażla
Kumitat ta’ evalwazzjoni magħmul minn rappreżentanti mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, il-Malta Food Agency u l-Aġenzija Sapport se jevalwa kull proposta fuq is-suġġetti elenkati fil-punt 3. Il-kumitat ta’ evalwazzjoni jagħżel il-VO/s li għandhom l-aħjar kapaċità operattiva, motivazzjoni, innovazzjoni, u għanijiet l-aktar ċari fir-rigward tal-Proġett tal-Ħanut fil-Pitakalija u se jifformula kuntratt għal żmien definit għall-VO/i magħżula. L-istess kumitat ser jibqa' jsegwi t-tmexxija tal-ħanut u jipprovdi kull appoġġ meħtieġ.

**Aktar informazzjoni**

- Dawk l-Organizzazzjonijiet Volontarji biss li huma rreġistrati u konformi mal-Uffiċċju tal-Kummissarju [OCVO] huma eliġibbli biex japplikaw għal dan il-proġett.
- L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom jirrispettaw ir-regoli fiskali, u għalhekk għandhom ikunu reġistrati mad-Dipartiment tal-VAT.
- Kwalunkwe kjarifika jew mistoqsija tista’ ssir lill-MCVS fuq 22481136/5 jew permezz ta’ email fuq volunteer@maltacvs.org. Inkella, mistoqsijiet operattivi jistgħu jiġu indirizzati lill-Malta Food Agency waqt il-laqgħa ta’ informazzjoni msemmija fil-punt 2.